**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 400/2016 AF**

**Chadborn Holdings Limited numru ta' registrazzjoni 154321, socjetà estera registrata gewwa British Virgin Islands, bl-indirizz Akara Building, 24, De Castro Street, Wickhams Cay 1, Road Town, Tortola British Virgin Islands debitament rapprezentat minn Antonios Stampolidis, direttur tal-istess socjetà estera**

**vs**

**Cashpoint (Malta) Limited (C-36107)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti kienet dahlet f'kuntratt ta' shubija u kooperazzjoni esklussiva mas-socjetà intimata li permezz tieghu l-partijiet intrabtu illi s-socjetà rikorrenti ha jkollha drittijiet esklussivi mas-socjetà intimata u ghandha jkollha responsabbilità esklussiva ghad-distribuzzjoni u l-bejgh ta'

attivitajiet li ghandhom x'jaqsmu ma' 'online betting'. (Hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B rispettivament).

Qabel ma gie ffirmat l-kuntratt surreferit, kien hemm ftehim preliminari bejn il-partijiet. (Hawn anness u mmarkat bhala Dok. C).

Ai termini tal-kuntratti 'l fuq imsemmija u hawn annessi, id-drittijiet tas-socjetà attrici kienu esklussivi ghaliha biss.

Is-socjetà intimata, hin bla waqt u minghajr ebda raguni valida fil-ligi tterminaw l-imsemmi ftehim b'dan li arrekaw danni ingenti lis-socjetà rikorrenti, konsistenti dawn id-danni fost ohrajn fl-ispejjez relatati f'investimenti teknologici inkorsi mis-socjetà rikorrenti biex bhala kumpanija jipprovdu servizz fis-settur ta' l-*internet betting and gambling* li huma legalment stabbiliti f'kwalunkwe Membru Stat gewwa l-Ewropa, spejjez ohra ta' '*marketing*' u '*advertising*' kif ukoll f'telf ta' profitti kollox li jammontaw f'miljuni ta' Ewro, kif ser jigi spjegat izjed dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minkejja diversi laqghat u kominikazzjonijiet inkluzi vjaggi esteri u kuntatti sabiex jaghmlu pressjoni fuq is-socjetà konvenut sabiex tadempixxi l-obbligi taghha derivanti mill-imsemmija skrittura u minkejja interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas, is-socjetà intimati baqghu inadempjenti.

Di più is-socjetà intimata illum il-gurnata qed tkompli tgawdi l-beneficcji u l-frott tax-xoghol kollu u l-ispejjez li ghamlet il-kumpannija attrici matul iz-zmien biex ikkreat suq ta' distribuzzjoni u bejgh ta' attivitajiet ta' *online betting*.

B'hekk is-socjetà attrici soffriet danni ingenti u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà intimata tterminaw il-*Cooperation Agreement* li kien gie ffirmat bejn il-kontendenti b'mod abbuziv u illegali u minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija konvnuta ghandha tikkumpensa lill-kumpannija attrici minhabba li l-kumpannija konvenuta qed tkompli tgawdi l-beneficcji u l-frott tax-xoghol kollu u l-ispejjez li ghamlet il-kumpannija attrici matul iz-zmien biex ikkrejat suq ta' distribuzzjoni u bejgh ta' attivitajiet ta' online betting.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba l-agir abbuziv u illegali tas-socjetà intimata, s-socjetà rikorrenti soffriet danni unikament attribwibbli ghall-agir tas-socejtà konvenuta.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti, inkluzi izda mhux limitatament ghal spejjez inkorsi mis-socjetà rikorrenti, telf ta' dhul u profitti tal-istess socjetà rikorrenti kif ukoll l-arrikiment indebitu li s-socjetà intimata arrekat favuriha bl-agir abbuziv taghha.

5. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjetà attrici okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici d-danni hekk likwidati bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata jew rapprezentant/i taghha minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, il-Qrati nostrani m'ghandhomx gurisdizzjoni sabiex jisimghu u jiddeciedu din il-kawza u dan ai termini tal-klawsola 8 tal-*Agreement on Cooperation* esebit mar-rikors mahluf bhala Dok. "A" u Dok. "B", kif ukoll tal-klawsola 7 tal-Preliminary Agreement esebit mar-rikors mahluf bhala Dok. "C".

Preliminarjament ukoll, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-kawza ma tistax titkompla stante illi s-socjetà rikorrenti ma hatritx mandatarju specjali sabiex jirrapprezentaha f'Malta waqt l-andament tal-kawza.

Fil-mertu u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni u arrikkiment inġust. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tad-danni li tgħid illi sofriet minħabba li s-soċjetà konvenuta tterminat abużivament u illegalment il-ftehim ta' bejniethom, liema ftehim, kien jirrigwarda distribuzzjoni u bejgħ ta' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma '*online betting*', kif ukoll illi s-soċjetà konvenuta għandha tikkumpensa lill-attriċi minħabba li qiegħda tkompli tgawdi l-benefiċċji u l-frott tax-xogħol kollu li għamlet l-attriċi.

Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u ċioè illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża ai termini tal-klawżola 8 tal-*Agreement on Cooperation* u klawżola 7 tal-*Preliminary Agreement* iffirmat bejn il-partijiet, kif ukoll illi l-kawża ma tistax titkompla peress illi s-soċjetà attriċi ma ħatritx mandatarju speċjali sabiex jirrapreżentaha f'Malta f'din il-kawża.

Il-Qorti sejra tibda billi tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Il-klawżola numru tmienja (8) tal-*Agreement on Cooperation* u klawsola numru sebgħa (7) tal-*Preliminary Agreement* it-tnejn jaqraw hekk: '*Austrian Law applies. The place of jurisdiction is agreed to be the competent 3rd district court of Vienna.*'

Filwaqt illi s-soċjetà attriċi tinsisti li l-ftehim ġie tterminat mis-soċjetà attriċi illegalment u abbużivament, fid-dikjarazzjoni tal-fatti tagħha s-soċjetà konvenuta ssostni li l-ftehim ġie tterminat skont kundizzjonijiet li jinsabu fl-*Agreement on Cooperation* u ċioè li ma ntlaħaqx it-*turnover* miftiehem għas-sena 2012 u li għalhekk, skont il-klawsola numru 7 tal-ftehim, dan ġie tterminat. Jidher għalhekk illi t-tilwim bejn il-partijiet huwa naxxenti mill-applikabbilità o meno tal-klawsola msemmija.

Fil-kawża odjerna, jirriżulta ċar u manifest illi d-danni li qiegħda tirreklama s-soċjeta attriċi huma danni 'ex contractu' u mhux 'ex delicto' għaliex dawn it-talbiet huma bbażati fuq l-allegata inadempjenza kontrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta minħabba li din tal-aħħar itterminat il-kuntratt abbużivament, u l-attriċi qiegħda titlob riżarciment tad-danni minnha sofferti per konsegwenza ta' dan.

Huwa ċar illi fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-ftehim iffirmat bejnithom, proċeduri ġudizzjarji kellhom isiru quddiem il-Qorti ta' Vienna. Kliem il-kuntratt huwa ċar, il-partijiet għażlu l-ġurisdizzjoni u dan il-ftehim jorbot. Hu ferm rari u għal raġunijiet impellenti li l-Qrati Maltin jindahlu fejn il-fehma tal-partijiet kienet ċara mill-istess ftehim raġġunt bejnithom meta ffirmaw il-ftehim. Il-prinċipju ta' pacta sunt servanda għandu jiġi osservat (Ara Peter Arrigo Limited vs Dr. Christopher Cilia et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Diċembru 2003).

F'dan il-każ is-soċjetà attriċi hija rreġistrata ġewwa l-British Virgin Islands, iżda anke li kieku kienet reġistrata ġew stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ir-regolament 1215/2015 dwar

Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali li jaġġorna r-regolament preċedenti 44/2001 jipprovdi f'artikolu 25 li:

> *"Jekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu in konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Ġurisdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor.*
>
> *(…)*
>
> *Ftehim li jagħti ġurisdizzjoni li huwa parti minn kuntratt għandu jiġi ttrattat bħala ftehim indipendenti mit-termini l-oħra tal-kuntratt.*
>
> *Il-validità tal-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni ma jistax jiġi kkuntestat biss fuq il-bażi li l-kuntratt mhuwiex validu."*

Għalhekk, u fir-rigward tat-talbiet attriċi għal dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta tterminat il-ftehim ta' bejn il-partijiet abbużivament u illegalment u t-talba għad-danni konsegwenza ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċepjenti għandha raġun u l-eċċezzjoni tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ser tiġi milqugħa.

Iżda l-Qorti ssib li mhux l-istess għandu japplika għat-tieni talba attriċi in kwantu li hawnhekk l-attriċi qiegħda tippretendi li wara t-terminazzjoni tal-kuntratt, is-soċjetà konvenuta qiegħda tgawdi l-benefiċċji u frott tax-xogħol kollu u l-ispejjeż kollha li għamlet l-attriċi matul iż-żmien sabiex ikkreat suq ta' distribuzzjoni ta' bejgħ ta' attivitajiet ta' '*online betting*' u għalhekk, li wara li spiċċat ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, għandha tiġi kkumpensata għall-arrrikkiment inġust, fejn l-obligazzjoni titwieled mhux *ex contractu* imma *ex lege*.

Fis-sentenza fl-ismijiet Chemimart Limited vs Reckitt Benckiser Healthcare International Limited tal-15 ta' Ottubru 2012, li kienet tirrigwarda talbiet u eċċezzjoni simili għal dik li qiegħda tiġi trattata llum, din il-Qorti diversament presjeduta qalet propju hekk:

> *"Hu evidenti li l-attrici qeghda tippretendi li **<u>wara</u>** t-terminazzjoni tal-kuntratt, il-konvenuta qeghda taghmel arrikkiment ingust in kwantu qeghda tiehu l-frott li ghamlet l-attrici fis-suq lokali matul is-snin, u ghalhekk ghandha tigi kkumpensata. F'dak l-istadju r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet spiccat. Materja li ghal darb'ohra taqa' barra mill-parametri tal-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1972. Fil-kaz ta' arrikkiment ingust, l-obbligazzjoni titwieled mhux ex contractu, imma ex lege, in kwantu ma jkunx gust li tippermetti lid-debitur li ma jatix kumpens ghall-qliegh li jkun ghamel. L-attrici ghamlet riferenza ghal sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Jakob Handte & Co GmbH v Traitements Mecano-chimiques des Surfaces SA** fejn inghad li "matters relating to contract" (Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament 44/2001, "....is not to be understood as covering **<u>a situation in which there is no obligation freely assumed by one party towards another</u>**.". L-arrikkiment ingust m'hijiex obbligazzjoni kuntrattwali. Jidher li l-pretensjoni bazata fuq dan il-kuncett ma tikkwalifikax bhala "matters relating to contract".*

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qorti fis-sentenza appena ċitata u għaldaqstant, sejra tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-Qorti f'dan ir-rigward.

In kwantu li s-soċjetà konvenuta hija kumpannija reġistrata hawn Malta, japplika l-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li:

> *"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*

*(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*

*(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*

*(…)"*

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta m'għandhiex tintlaqa' limitatament fir-rigward tat-talbiet attriċi relatati mal-ħlas ta' kumpens għall-arrikkiment indebitu.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li l-kawża ma tistax titkompla stante li s-soċjeta attriċi ma ħatritx mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentaha f'Malta waqt l-andament tal-kawża.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-preżentata tal-att promotur kien preżenti hawn Malta rappreżentant tas-soċjetà attriċi in kwantu li r-rikors ġie maħluf minnu. Is-soċjetà konvenuta m'hijiex teċċepixxi li kien hemm xi irregolarità fil-mod illi ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta attriċi iżda li l-proċeduri ma jistgħux jitkomplew sakemm jinħatar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżenta lis-soċjetà attriċi li kif diġà ngħad hija soċjetà estera rreġistrata fil-British Virgin Islands. F'dan il-każ ma ġiex muri li xi rappreżentant tagħha jinsab Malta.

Il-Qorti tirreleva illi dawn il-Qrati kienu konsistenti dwar il-bżonn li parti f'kawża, jekk mhux preżenti f'Malta, trid tkun rappreżentata minn persuna f'Malta u tidher għaliha. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Av. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services Limited tat-3 ta' Frar 2012 spjegat illi:

*"Hu veru li d-diversi Regolamenti jippermettu li partijiet mhux domiciljati Malta jistghu jressqu kawzi f'qorti estera jew anke quddiem il-qrati Maltin kontra persuni residenti Malta, u vice versa, u l-atti ta' kawza miftuha f'pajjiz jistghu u ghandhom jigu servuti fuq il-persuna nfisha hekk residenti f'pajjiz iehor, izda l-metodologija kif dan isir tigi*

*regolata mill-pajjiz fejn tinfetah jew tigi enforzata kawza. Issa fil-kuntest Malti l-ligi trid li kawza tinfetah b'rikors li jrid jigi mahluf mill-attur jew wiehed mill-atturi. Il-ligi trid ukoll li min jiftah jew jiddefendi kawza jrid ikun prezenti f'Malta, tal-anqas waqt is-smigh tal-kaz, u f'kaz ta' persuna assenti jkollhom jinhatru kuraturi kif jiddisponi l-Artikolu 929 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-Artikolu 930 jghid ukoll li l-hatra ta' kuraturi tista' ssir fis-smigh tal-kawza, meta din il-hatra ssir mehtiega wara li tkun bdiet il-kawza; il-hatra ta' kuraturi ssir "fl-interess ta' nies assenti", fost cirkostanzi ohra.*

*F'kaz ta' socjetà, avolja din tista' tagixxi u tigi citata f'kawza f'isimha biss, jehtieg ukoll li jkun hawn Malta persuna fizika li jirrapprezentaha, ghax jekk il-persuna jew persuni li jkunu moghtija r-rapprezentanza tas-socjeta` jew tal-ghaqda jkunu assenti minn Malta, l-Artikolu 929(d) tal-Kodici imsemmi jesigi l-hatra ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-istess socjetà; dan il-provvediment tal-ligi jghodd ukoll ghal "kull ghaqda ta' persuni jew organizzazzjoni ohra" kif jaqghu li jkunu klassifikati zgur is-socjetajiet attrici f'dan il-kaz.*

*Dan ifisser li s-socjetà estera tista' zgur tiftah kawzi hawn Malta, però, trid tkun rapprezentata minn xi persuna residenti Malta jekk ma tridx li jinhatru kuraturi biex jirrapprezentawha (ara wkoll l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kodici imsemmi). Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza* ***Commonwealth Educational Society Ltd v. Camilleri****, deciza fit-2 ta' Gunju 2003, kienet ukoll osservat li kawza istitwita minn socjetà estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rapprezentanza lokali."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Zealand Holdings Inc vs Il-bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V tad-29 ta' April 2014 ingħad ukoll hekk:

"*Dan ma jfissirx però illi jekk parti tinsab sprovista minn rapprezentanza f'Malta, allura dan iwassal immedjatament ghal nullità tal-proceduri. Din in-nullita mhix imposta u anqas tirrizulta mill-ligi. B'daqshekk ma jfissirx però illi*

*sitwazzjoni simili tista' tithalla jew tigi permessa u l-kawza tkompli miexja. Li kieku l-kwistjoni tar-rapprezentanza tirrigwarda l-konvenut, il-ligi taghti indikazzjonijiet cari dwar x'jista jsir biex il-proceduri jitkomplew ghax wara kollox hu primarjament fl-interess ta' attur li l-proceduri jitkomplew fil-konfront tal-persuna li kontra tieghu tkun saret il-pretensjoni. Il-ligi taghti l-fakolta tan-nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti. Fil-kaz invers pero, meta l-attur nnifsu hu assenti, hu fl-interess tieghu sabiex juri l-interess guridiku tieghu li jehtieg li l-atti jigu proceduralment korretti biex jigi sodisfatt l-interess reali tal-istess attur fl-azzjoni u jigi assigurat fost affarijiet ohra illi f'Malta hawn rapprezentant li jista' jipprezenta atti fil-Qorti jew jircievi jew jigi notifikat bl-atti u ordnijiet jew digrieti tal-Qorti u jigu salvagwardati spejjez gudizjarji skond l-artikolu 1005 tal-Kap. 12 (ara f'dan is-sens* ***Commonwealth Educational Society vs Camilleri****, App Inf 2/06/2003)."*

Fil-każ tal-lum is-soċjetà konvenuta m'hijiex tikkontesta l-validità tal-att promotur. Madanakollu kif inhuwa stabbilit, il-preżenza ta' mandatarju hija neċessarja għall-prosegwiment tal-kawża sabiex l-atti jkunu korretti u d-drittijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet jiġu salvagwardati. In kwantu li ma ġiex muri li r-rappreżentant tas-soċjetà attriċi huwa preżenti hawn Malta, it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija tajba u ser tiġi milqugħa.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tat- tieni talba attriċi u dik il-parti tar-raba' talba attriċi li tirrigwarda talba għall-ħlas ta' kumpens għall-arrikkiment indebitu u għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta limitatament f'dan ir-rigward.

2. Tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tal-ewwel u tielet talbiet attriċi u dawk il-partijiet tar-rimanenti talbiet attriċi li jirrigwardaw talba għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni u għaldaqstant, tilqa' l-ewwel

eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta konvenuta fir-rigward ta' dawn it-talbiet in vista tal-klawsola 8 tal-*Agreement on Cooperation* u l-klawsola 7 tal-*Preliminary Agreement*.

3. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta b'dan illi tiddikjara li l-kawża ma tistax titkompla sakemm is-soċjetà attriċi taħtar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentaha f'Malta waqt l-andament tal-kawża u għaldaqstant, tiddiferixxi l-kawża għas-27 ta' April fid-9.30 ta' filghodu sabiex is-soċjetà attriċi tagħti tagħrif lill-Qorti f'dan ir-rigward. Fin-nuqqas, il-Qorti tirriżerva li tieħu l-provedimenti opportuni.

Spejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG